UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI KURJA VESKOVILI TA' GĦAWDEX
Stqarrija għall-Istampa [ST/05/2025]
21 ta' April 2025

QUDDIESA B'SUFFRAĠJU GĦALL-PAPA FRANĠISKU

Il-Knisja f'Għawdex, waqt li tingħaqad fis-sogħba tad-dinja Kattolika kollha għall-mewt tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku, se titlob għal ruħu waqt Quddiesa 'de Requiem' b'suffraġju tiegħu li se tiġi ċċelebrata fil-Katidral tal-Assunta, il-Belt Victoria, nhar l-Erbgħa 23 ta' April 2025, fis-7.00pm.

Fl-assenza tal-Isqof ta' Għawdex Anton Teuma li bħalissa jinsab fuq żjara lis-saċerdoti Għawdxin fl-Italja, din il-Quddiesa se tiġi ppreseduta minn Mons. Tarċis Camilleri, Vigarju Ġenerali.

Fl-ewwel kummenti li ta lill-media tal-Knisja f'Malta b'reazzjoni għall-mewt tal-Papa Franġisku dalgħodu stess, l-Isqof Anton radd il-ħajr lil Alla għal dan "il-bniedem sempliċi imma kbir" li "fittex il-valuri awtentiċi tal-Vanġelu".

L-Isqof iħoss li għandna nitolbu għall-Knisja universali biex "dan l-ispirtu ta' Franġisku jsib fina l-Insara… akkoljenza kbira". Awgura li dan l-spirtu ta' tiġdid u sens ta' tama evanġelika li ġabilna l-Papa Franġisku jkompli fil-Knisja, "għax Kristu Rxoxt ifakkarna fit-tama ta' kull wieħed u waħda minna".